**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **1461/2023 (AD)**

**KAPTAN IRTIRAT NATANAELE ANDRE SIVE ANDRE ABDILLA (STAFF NUMBER 3036)**
**BIL-KARTA TAL-IDENTITA' NUMRU 153275M**

**VS**

**AIR MALTA PLC (C2685)**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, disgħa (9) ta' Mejju 2025**

**Il-Qorti**:

1. Din hija **sentenza *in parte* limitatament** rigward l-eċċezzjoni preliminari sollevata mis-soċjeta' intimata, illi l-azzjoni tar-rikorrent ma tistax tintlaqa' għaliex hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Preliminari u Fatti tal-Każ**

2. B'rikors ġuramentat preżentat nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Diċembru 2023, ir-rikorrent ippremetta illi huwa kien impjegat mas-soċjeta' intimata bħala Kaptan għal diversi snin, iżda l-impjieg tiegħu ġie terminat fl-2011

wara li tilef il-liċenzja tiegħu ta' bdot minħabba illi, wara mard u debilita' li bihom ġie afflitt, il-JAA Medical Certificate tiegħu ġie permanentement irtirat. L-impjieg tiegħu kien kopert bi Group Insurance Plan li jkopri *Life Benefit, Accidental Death Benefit and Permanent Health Insurance Benefit* maħruġa minn Zurich International Life Limited tramite Osprey Insurance Brokers Ltd li kienet taġixxi bħala broker. Ir-rikorrent għamel *claim*, illi ġiet u għadha qed tiġi onorata. Skont il-Ftehim Kollettiv iffirmat bejn is-soċjeta' intimata u l-ALPA-Malta fl-2008, is-soċjeta' intimata assumiet obbligu li tkompli tipprovdi l-kopertura t'assigurazzjoni sal-eta' t'irtrirar, liema eta' telgħet minn 61 sena għal 65 sena fis-sena 2006. Huwa jsostni illi s-*synopsis* tal-polza tal-assigurazzjoni għall-perjodu bejn April 2010 u Marzu 2011 kienet turi li qed tiġi provduta kopertura sa eta' minima ta' 61 sena u eta' massima ta' 65 sena. Ir-rikorrent talab sabiex isiru negozjati għall-għoti ta' *lump sum payment*, iżda ġie a konjizzjoni tar-rikorrent illi l-kopertura illi kienet qed tiġi diskussa fil-konfront tiegħu kienet *"until attainment age 61"* skont *synopsis* tal-polza illi ngħata fl-2023. Għaldaqstant, bl-azzjoni odjerna, ir-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex:

a. Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjeta' intimata kienet u hija legalment obbligata li tipprovdi lir-rikorrent b'kopertura ta' assigurazzjoni li tkopri 'Life Benefit, Accidental Death Benefit and Permanent Health Insurance Benefit' sal-eta' legali tal-irtirar, u cioe sal-eta' ta' 65 sena;

b. Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjeta' intimata naqset li tosserva l-obbligu legali tagħha li tipprovdi lir-rikorrent b'kopertura ta' assigurazzjoni li tkopri 'Life Benefit, Accidental Death Benefit and Permanent Health Insurance Benefit' sal-eta' legali tal-irtirar u cioe sal-eta ta' 65 sena;

c. Konsegwentement tordna u tikkundanna lis-soċjeta' intmiata sabiex tipprovdi lir-rikorrent kopertura ta' assigurazzjoni li tkopri 'Life Benefit, Accidental Death Benefit and Permanent Health Insurance Benefit' sal-eta' legali tal-irtirar u cioe sal-eta' ta' 65 sena, u dan taħt l-istes termini u kundizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni eżistenti;

d. Alternattivament, f'każ illi ma jkunx possibbli għas-soċjeta' intimata li tottempora ruħha ma' dak mitlub mir-rikorrent fit-tielet talba, u cioe li tipprovdi lir-rikorrent kopertura ta' assigurazzjoni li tkopri 'Life Benefit, Accidental Death Benefit and Permanent Health Insurance Benefit' sal-eta' legali tal-irtirar, u cioe sal-eta' ta' 65 sena, u dan taħt l-istess termini u kundizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni eżistenti, sabiex tordna u tikkundanna lis-soċjeta' intimata li tħallas lir-rikorrent pagament wieħed (*lump sum payment*) jew sensiela ta' pagamenti kull tliet xhur kif qed jirċievi r-rikorrent fil-preżent (liema somma għandha tiġi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti okkorrendo bl-opra ta' perit/i nominandi) u dan għall-perjodu bejn meta r-rikorrent jagħlaq l-eta' ta' 61 sena (sa liema data huwa debitament kopert bil-polza eżistenti) u meta jagħlaq l-eta' ta' 65 sena (sa liema data r-rikorrent kellu jkun kopert bil-polza maħruġa mis-soċjeta' intimata iżda ma ġiex kopert);

Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-Protest Ġudizzjarju Numru 481/2023, kontra s-soċjeta' intimata;

3. B'risposta datata wieħed u għoxrin (21) ta' Frar 2024, is-soċjeta' konvenuta, apparti eċċezzjonijiet fil-mertu, issollevat ukoll eċċezzjoni ta' natura preliminari, u cioe:

> ***Preliminarjament, l-azzjoni tar-rikorrent ma tistax tintlaqa' proprju għaliex din hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.***

4. Fis-seduta tal-Ħamis, disgħa u għoxrin (29) ta' Frar 2024, il-kawża ġiet differita għall-provi tas-soċjeta' konvenuta dwar l-ewwel eċċezzjoni minnha sollevata;

5. Wara illi, fis-seduta tal-erbgħa (4) ta' Frar 2025 din il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevati mis-soċjeta' konvenuta, il-kawża ġiet differita għal-lum għal sentenza preliminari dwar l-istess eċċezzjoni.

**Il-Qorti**

6. Wara illi rat l-atti preżentati mill-partijiet;

7. Rat id-dokumenti esebiti u l-provi prodott mill-partijiet dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-soċjeta' konvenuta;

8. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet rigward l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-soċjeta' konvenuta;

9. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għal sentenza preliminari rigward l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-soċjeta' konvenuta;

10. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

11. L-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *2156. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*
> *[...]*
> *(f.) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;*
> *[...]*

12. Din id-disposizzjoni fil-liġi m'għandhiex titqies *in vacuo*, iżda fit-termini ta' dak stabbilit mill-Artikolu 2137 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, cioe:

> *2137. Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.*

u dak stabbilit fl-Artikolu 2160(1) tal-Kap 16, u cioe:

> *(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149 u 2157 m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament min jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.*

13. Fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Automated Revenue Management Limited pro et noe vs Topcar Limited***[1], din il-Qorti kif diversement presjeduta għamlet studju akkurat u dettaljat dwar il-ġurament imsemmi fl-Artikolu 2160 tal-Kap 16, u cioe dak illi kien oriġinarjament ġie stabbilit f'dan l-artikolu, u l-emendi illi segwew permezz tal-Att I tal-2017 u l-Att VII tal-2017. Din il-Qorti kif diversement presjeduta tinnota kif, filwaqt illi oriġinarjament id-debitur ma kienx kostrett illi jieħu ġurament dwar id-debitu, iżda kienet tispetta lill-kreditur l-għażla dwar jekk jiddeferix il-ġurament lill-persuna li teċċepixxi l-preskrizzjoni jew le, permezz tal-Att I tal-2017: (a) il-ġurament kellu jiġi mogħti mill-parti illi teċċepih minn jeddha, (b) il-parti li tagħti ġurament kellha, apparti illi tiddikjara illi mhix debitriċi jew li ma tiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa, tagħti wkoll raġunijiet għalfejn kienet qed tqis lilha nnifisha li mhix debitriċi, u (c) il-parti li teċċepixxi l-preskrizzjoni ma setgħetx tagħti bħala raġuni l-mogħdija taż-żmien. Mill-banda l-oħra, wara l-emenda illi segwiet permezz tal-Att VII tal-2017, l-Artikolu 2160 illum jistabbilixxi illi: (a) il-ġurament għadu jrid jiġi mogħti mill-parti illi teċċepih minn jeddha, iżda (b) tneħħiet il-ħtieġa tal-għoti tar-raġunijiet, għajr f'ċerti kawżi li fihom il-Gvern ikun kreditur. Il-Qorti rriteniet:

[1] Rik Nru 93/2017, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ G Mercieca, 17 ta' Jannar 2018 (in ġudikat)

*Il-liġi għalhekk daret ċirku tond għal dak li kienet oriġinarjament – jew kważi; għaliex ix-xelta għall-għoti tal-ġurament, kif għadha kif qalet din il-Qorti, tneħħiet minn idejn il-kreditur u saret tassattiva. Din hija bidla radikali. Billi huwa d-debitur-konvenut li jrid jixhed, din il-Qorti hija tal-fehma li dan għandu jsir biss wara li jintemmu l-provi tal-kreditur-attur li allura jkollu kull opportunita' jressaq il-provi dwar l-eżistenza tal-kreditu, u kwalunkwe sospensjoni jew interruzzjoni tal-perjodu tal-preskrizzjoni. Il-Qorti hija tal-fehma li l-ġurament baqa' deċiżorju fis-sens biss li jimpunja l-kreditu pretiż iżda mhux ukoll is-sospensjoni jew l-interruzzjoni tal-perjodu tal-preskrizzjoni. Altrimenti jkun ippreġudikat il-kreditur li ebda prova ma jkollu disponibbli jekk id-debitur jagħżel li jifruwixxi ruħu mill-ġurament. Din żgur ma kinitx l-intenzjoni tal-leġislatur.*

14. Fuq l-istess binarju ddeċidiet ukoll il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Bottega Del Marmista Limited vs Paul Mifsud et***[2]:

*Bl-emenda li saret bl-Att I tal-2017, il-leġislatur impona fuq il-konvenut l-obbligu li jieħu l-ġurament u fin-nuqqas il-konvenut ma jkunx jista' jieħu benefiċċju mill-preskrizzjonijiet qosra. Ovvjament, il-konsegwenzi legali li żviluppaw mill-ġurisprudenza dwar il-ġurament deċiżorju li ssemmew mill-ewwel qorti f'paġna 19 u 20 tas-sentenza, kienu japplikaw f'xenarju partikolari, cjoe meta l-attur jagħti l-ġurament lill-konvenut. Fil-każ in eżami, il-konvenuti xehdu minn jeddhom. Il-fatt li hi l-liġi li timponi fuq il-konvenut li jixhed biex ikun jista' jinvoka l-preskrizzjonijiet qosra, ma jbiddel xejn. Għaldaqstant, illum irrispettivament*

[2] Appell Nru 286/2015, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Onor Imħ Anthony Ellul, 26 ta' Jannar 2018

*x'jixhed il-konvenut **minn jeddu meta jieħu l-ġurament kontemplat fl-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili**, l-attur għandu kull dritt li jagħti prova li kien hemm interruzzjoni jew rinunzja għall-preskrizzjoni. Din kienet wara kollox ukoll il-posizzjoni qabel l-emenda tal-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili meta l-konvenut kien jagħżel li jixhed minn jeddu.*

15. Dwar il-forma tal-ġurament rikjest fl-Artikolu 2160 tal-Kap 16 ingħad imbagħad fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Roberto Cristiano vs Air Malta plc***[3]:

*11. […] [M]in jagħti l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hu mistenni li joqgħod preċiżament ma dak li jrid l-artikolu: irid jgħid jew li mhux debitur, jew li ma jiftakarx li l-ħaġa ġietx imħallsa. Xejn iktar; u xejn inqas. Mhux permess li jittenta jiġġustifika għaliex il-ħlas mhux dovut, kif għamel l-avukat Borg. Dan spjegatu l-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-kawża fl-ismijiet **Tabib Prinċipali tal-Gvern v Georgina Muscat** f'dawn il-kliem:*

*"Il-formula tal-ġurament hi inalterabbli u l-allegat kreditur ma jistax joqgħod jitlob spjegazzjonijiet oħra lill-konvenut, bħal per eżempju il-kawża ta' l-estinzjoni, imma għandu joqgħod strettament għall-formula tal-ġurament, li għal dik li jirrigwarda l-allegat debitur hi waħda jew l-oħra mit-tnejn speċifikati fl-Artikolu 2265(1) [illum 2160(1)]".*

*12. Meta ngħatat din is-sentenza, kien il-kreditur li, skont l-artikolu 2160(1) (kif inhu numerat illum), seta' jeħtieġ li jingħata l-ġurament lil min ikun qajjem il-kwistjoni dwar il-preskrizzjoni. Illum, bl-emendi tal-2017, hu min iqajjem il-preskrizzjoni li jrid, minn jeddu, jieħu l-ġurament. Imma kif*

[3] Rik Ġur 1218/2022, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ H Mizzi, 17 ta' Settembru 2024

*qalet din il-qorti, presjeduta mill-Onor. Imħallef G. Mercieca, fil-kawża* ***Sacha Cassar v MAPFRE Middlesea plc et*** *"il-formula ta' ġurament xorta baqgħet sagramentali, u kull devjazzjoni minnha ma tiswiex ai fini ta' dawn ix-xorta ta' eċċezzjonijiet."*

16. Din il-Qorti rat illi, fir-risposta ġuramentata għar-rikors ġuramentat, **James Genovese**, in rappreżentanza tas-soċjeta' intimata, iddikjara bil-ġurament tiegħu illi, *"KM tiċħad li hija responsabbli fil-konfront tar-rikorrent għal ħlas tal-PHI, jew parti minnu."* Din il-Qorti tinnota illi apparti din l-eċċezzjoni, ma tressaq l-ebda xhud in rappreżentanza tas-soċjeta' intimata illi eċċepixxa illi s-soċjeta' intimata mhix debitriċi tar-rikorrent kif jistipola l-Artikolu 2160 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Fid-dawl tal-ġurisprudenza suriferita, illi ssostni illi l-forma tal-ġurament għandha tkun dik espressement preskritta fl-Artikolu 2160, <u>din il-Qorti ma ssibx illi r-rekwiżiti rikjesti mil-liġi b'mod tassattiv ġew sodisfatti</u>, b'dana għalhekk illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tfalli b'mod awtomatiku;

17. Mingħajr preġudizzju għal dan in-nuqqas, iżda, u għall-fini ta' kompletezza, din il-Qorti tirrileva illi, fi kwalunkwe każ, fl-*e-mail* datata erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar 2022 esebita a fol 155 tal-proċess, Suzanne Chambers qalet illi, *"we have sought consent from Air Malta Chief Officer Human Resources (reading in copy) as the policy holder at the time of claim who has kindly confirmed no objection to opening discussions to negotiate a lump sum benefit for the consideration of Mr Abdilla in place of quarterly disability payments."* James Genovese, u cioe l-Air Malta Chief Officer Human Resources, ġie kkupjat fl-istess *e-mail*. Dan sabiex ma jingħadx ukoll illi mhux qed jiġi kontestat illi r-rikorrent irċieva benefiċċji kull tliet xhur fit-termini tal-polza minn meta ġie terminat l-impjieg tiegħu. Huwa evidenti infatti illi s-soċjeta' intimata effettivament mhix qed tilqa' għat-talbiet rikorrenti billi tgħid illi r-rikorrent mhuwiex entitolat għal PHI, iżda billi ssostni illi hija ma kellha l-ebda obbligu illi testendi l-PHI sal-eta' ta' ħamsa u sittin (65) sena, b'dana illi jidher illi filwaqt illi qed tirrikonoxxi illi għandhom jitħallsu l-benefiċċji sa' wieħed u sittin (61) sena, is-soċjeta' konvenuta qed

tikkontesta l-pretensjoni tar-rikorrent in kwantu jsostnu illi għandu wkoll dritt għal benefiċċji għall-erba' snin rimanenti;

18. Dan, fil-fehma tal-Qorti, kollettivament, huwa inkompatibbli mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, stante illi huwa evidenti illi s-soċjeta' intimata mhix qed tikkontesta l-fatt illi, effettivament, huma dovuti benefiċċji lir-rikorrent skont il-polza mertu tal-kawża odjerna. Dak illi qiegħed jiġi kontestat huwa biss is-somma pretiża mir-rikorrent. Hekk kif ġie ritenut fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet ***Windsor Co Ltd vs Fithome Ltd***[4]:

> *meta l-konvenut jiddifendi ruhu billi jghid li ma ghandux jaghti daqshekk jew li l-ammont mitlub huwa esagerat, hemm rinunzja tacita ghall-preskrizzjoni billi d-debitur "senza negare di essere tale, si limiti a discutere ed impugnare l'ammontare dovuto" ("**Giovanni Camilleri -vs- Salvatore Mangion**", Appell Inferjuri, 1 ta' Ottubru, 1927). B'dik id-difiza l-ohra jsegwi li d-debitur mhux qed jichad li ghandu jaghti imma biss jallega li huwa jidhirlu li ma ghandux jaghti daqs kemm il-kreditur jippretendi minghandu. B'dan il-fatt huwa jigi li rrinunzja tacitament ghall-preskrizzjoni. Ara "**Giorgio Demarco et -vs- Giovanni Aquilina**", Appell Kummercjali, 10 ta' Gunju, 1946. Fl-istess sens is-sentenzi fl-ismijiet "**Giovanni Sammut -vs- Philip A. Grima**", Qorti tal-Kummerc, 7 ta' Ottubru, 1954 u "**Anthony Fenech et nomine -vs- John Saliba**", Qorti tal-Kummerc, 21 ta' April, 1971;*

19. Għaldaqstant, ikkunsidrat il-premess, din il-Qorti tqis illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-soċjeta' konvenuta għandha tiġi **<u>respinta</u>**.

[4] Appell Ċivili Nru 182/2005/1, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Onor Imħ P Sciberras, 3 t'Ottubru 2008

**Decide**

20. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

    i. **<u>Tiċħad</u>** l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-soċjeta' konvenuta ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16, u

    ii. **<u>Tordna</u>** l-prosegwiment tal-kawża.

Bl-ispejjeż riservati għall-ġudizzju finali.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Reġistratur**